**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 31**
**Rik. Nru. 949/16 JZM**

**Nickel Industries Holding Limited (C 65772), Osmium Resources Holding Limited (C 65771) u Tungsten Mining Holding Limited (C 65769)**

***kontra***

**Orpheus Limited (C 65623), VACI Holding Limited (C 65622) u VA Copper Invest Limited (C 35110)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta` Ottubru 2016 li jaqra hekk :–

*Illi din hija kawza mressqa ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi s-socjeta` intimata VA Copper Invest Limited C 35110 ("**VACI**") hija socjeta` rregistrata f`Malta u hija l-holding company fil-kuntest ta` holding structure tradizzjonali fil-ligi Maltija bil-beneficjarji ahharin taghha kollha cittadini esteri, (f`dan il-kaz Bulgari). L-istatut u l-artikoli ta` assocjazzjoni tal-istess VACI qed jigu hawn esebiti u mmarkati '**Dokument NHL 1**' ;*

*Illi r-rikorrenti odjerni Nickel Industries Holding Limited (C 65772) ("**Nickel**"), Osmium Resources Holding Limited (C 65771) ("**Osmium**") u Tungsten Mining Holding Limited (C 65769) ("**Tungsten**") huma azzjonisti ta` VACI li flimkien ghandhom l-"A" Shares kollha filwaqt illi l-"B" Shares huma mizmuma miz-zewg azzjonisti intimati Orpheus Limited (C 65623) ("**Orpheus**") u Oegrus Limited (C 65622) (li minn ftit gimghat ilu bidlet isimha ghal VACI Holding Limited) ("**Oegrus**") (company structure chart tas-socjeta` VACI annessa u mmarkata bhala '**Dokument NHL2**') ;*

*Illi ghalhekk l-esponenti jzommu flimkien 800 A Shares u l-intimati jzommu flimkien 800 B Shares f`VACI. Kull sehem ghandu dritt ta` vot wiehed fil-general meeting (hlief ghal cirkustanzi preskritti mill-istess artikoli ta` assocazzjoni) u dritt pro-rata ghad-dividends u ghar- ritorn tal-kapital ;*

*Illi VACI tiddetjeni maggoranza assoluta ta` madwar 67.61% tal-ishma tas-sussidjarja taghha – is-socjeta` Bulgara Assarel-Medet JSC ("**Assarel Medet**") li hija Joint Stock Company registrata fil-belt ta` Panagyuristhe fil-Bulgarija, liema kumpannija hija l-akbar kumpannija Bulgara fl-industrija tal-minjieri tar-ram "open pit mining and processing of copper ores" u tiggenera madwar 50% tal-produzzjoni annwa ta` ram fil-Bulgarija u hija wahda mill-kumpanniji ewlenin li l-aktar jikkontribwixxu fil-qasam tal-materja prima ghall-prodott gross domestiku tal-Bulgarija. Mill-ahhar statistika disponibbli jirrizulta li Assarel Medet tipprocessa madwar tlettax-il miljun tunnellata ta` minerali tar-ram (copper ore) fis-sena.*

*Illi in partikolari Assarel Medet topera l-koncessjoni tal-minjiera tar-ram gewwa l-muntanja Sashtinska Sredna Gora, madwar 11-il kilometru mill-belt ta` Panagyurshite u madwar 90 kilometru `l boghod mill-kapitali Sofia ;*

*It-tmexxija tas-sussidjarja Assarel Medet hija maqsuma f`zewg organi: l-ewwel organu huwa dak li jissejjah is-Supervisory Board kompost minn Lachezar Tsotsorkov, Radko Shumanov u Andrei Delchev, mentri l-Management Board huwa kompost minn Dimitar Tsotsorkov, Delcho Nikolov u Stoil Troshanov (ara estratti mis-sit elettroniku ta` Assarel-Medet annessi u mmarkati bhala* ***'Dokument NHL3'*** *kif ukoll l-artikoli ta` assocjazzjoni vigenti ta` Assarel-Medet tradotti mill-Bulgaru annessi u mmarkati bhala* ***'Dokument NHL4'****) ;*

*Illi Lachezar Tsotsorkov u ibnu Dimitar Tsotsorkov huma s-sidien ahharin wara l-kumpanniji azzjonisti ntimati li ghandhom il-"B" shares, huma jmexxu l-operazzjoni fil-Bulgarija, jiehdu d-decizjonijiet ta` negozju u ta` investiment f`dik il-kumpannija sussidjarja u di piu` huma persuni ta` influwenza kbira fil-lokal kif ukoll ghandhom kontroll kwazi assolut kemm fuq il-persuni li jahdmu f`Assarel Medet kif ukoll fuq il-mod kif jigu implementati d-decizjonijiet fi hdan l-istess kumpannija sussidjarja ;*

*Illi 30.66% tal-azzjonijiet ta` Assarel Medet huma mizmuma minn diversi azzjonisti filwaqt li r-rimanenti 1.73% tal-azzjonijiet huma f`isem Assarel-Medet stess bhala treasury shares. Skont informazzjoni li ghandhom l-esponenti A Shareholders f`idejhom, jidher li Lachezar Tsotsorkov ghandu mill-inqas 8.27% tal-azzjonijiet ta` Assarel Medet u ibnu Dimitar Tsotsorkov ghandu 0.12% tal-azzjonijiet fl-istess Assarel Medet ;*

*Illi tul is-snin, imma partikolarment tul din l-ahhar sena, l-esponenti saru jafu bi u ghandhom ragunijiet validissimi li jissuspettaw li l-affarijiet fi hdan Assarel Medet ma kienux qed jimxu fl-ahjar interess kemm tal-kumpannija nfisha kif ukoll tal-azzjonisti taghha u rrizultawlhom diversi stanzi ta` hela ta` flus u proprjeta` ta` Assarel Medet, decizjonijiet hziena u self-serving min-naha ta` Lachezar Tsotsorkov u l-agenti tieghu li ma jaghmlu assolutament l-ebda sens fil-kuntest tal-ghanijiet socjetarji ta` Assarel Medet kif ukoll sensiela interminabbli ta` tentattivi sabiex jigi oskurat kull ma jsir fil-kuntest ta` Assarel Medet sabiex ir-rikorrenti li huma azzjonisti kollettivament fl-import ta` 50% tal-holding company VACI ma jkunu jafu xejn b`dak illi qed jigri ;*

*Illi tul dawn l-ahhar zmien, ir-rikorrenti ppruvaw minn kollox sabiex jinvestigaw u jistharrgu ahjar x`inhu jigri fi hdan Assarel Medet u sabiex jippruvaw jipprotegu ruhhom izda gew dejjem rinfaccjati b`tattici ta` ostruzzjoni totali intizi sabiex jahbu l-verita` ta` x`inhuwa verament qed jigri*

*fl-amministrazzjoni ta` Assarel Medet inkluz fejn din il-kumpannija sussidjarja qed tonfoq flusha ;*

*Illi f`dan l-ahhar ftit xhur, sabiex aktar jaqtghu qalb ir-rikorrenti odjerni, l-intimati waqqfu wkoll parzjalment id-distribuzzjoni tad-dividend lejn l-azzjonista maggoritarja VACI, liema tqassim u distribuzzjoni ta` dividends mill-kumpannija Maltija VACI bhala holding hija r-raguni ezistenzjali tal-holding structure Maltija nfisha ;*

*Illi, inoltre, minhabba l-fatt illi l-ishma fi hdan VACI huma maqsumin ezatt fin-nofs (50%-50% bejn l-A Shares u l-B Shares, l-intimati qeghdin konsistentement jintralcaw u jibblukkaw lil VACI milli tkun tista` tappunta rapprezentant sabiex jidher ghan-nom ta` VACI bhala l-azzjonista principali fil-laqghat tal-azzjonisti tas-sussidjarja Assarel Medet. Fi ftit kliem, l-istrategija tal-intimati B Shareholders hija carissima: meta jkun hemm laqgha tal-azzjonisti ta` Assarel Medet, l-intimati jagixxu b`tali mod illi jaccertaw illi fi hdan VACI ma jkunx hemm qbil dwar (a) r-rapprezentant illi ghandu jintbghat minn VACI ghall-attendenza tal-laqgha tal-azzjonijisti ta` Assarel Medet u (b) l-pozizzjoni li ghandha tiehu VACI f`dik il-laqgha tas-sussidjarja taghha; VACI ma tattendix il-laqgha minhabba dan-nuqqas ta` qbil; minghajr VACI ma jkunx hemm il-kworum rekwizit mill-artikli tal-assocazzjoni ta` Assarel Medet sabiex il-laqgha ssehh u l- laqgha jkollha tigi aggornata; fil–laqgha hekk aggornata (fejn, skont l-artikolu 15 (5) [immarkat skorrettement bħala Artikolu 16(5) tal-artikli ta` assocazzjoni ta` Assarel Medet] tal-artikli ta` assocazzjoni ta` Assarel Medet – jkun hemm kworum anke minghajr l-attendenza ta` VACI minhabba mekkanizmu ta` 'falling quorum') jiddeciedu kollox l-azzjonisti minoritarji hemm prezenti li hafna minnhom huma taht il-kontroll u/jew l-influwenza diretta u/jew indiretta ta` Lachezar Tsotsorkov ;*

*Illi b`din l-istrategija ta` ostruzzjoni totali, effettivament il-B Shareholders ta` VACI mmexxija minn Lachezar Tsotsorkov helsu mill-A Shareholders ta` VACI billi ghalqulhom kull access ghal decision making jew tal-inqas ghall-informazzjoni fi hdan is-sussidjarja ta` VACI liema sussidjarja tmexxi operazzjoni kummercjali li ghandha valur enormi u ghandha assi u fatturat enormi ;*

*Illi fi ftit kliem VACI, il-holding company, giet kompletament newtralizzata, ma tircevix dividends li jisthoqqilha u aghar minn hekk ma ghandhiex idea ta` kif in-negozju qed jitmexxa jew jigi abbuzat fil-Bulgarija*

*ghaliex l-B Shareholders intimati qed jostakolaw kompletament lir-rikorrenti A Shareholders li qed isibu bieb maghluq ;*

*Illi certament mhux fl-interess ta` VACI bhala l-azzjonista maggoritarja li ma tippartecipax, ma tivvutax, ma tiksibx informazzjoni u taghrif dwar it-tmexxija u l-investimenti kif ukoll l-operat, ma tattendix laqghat tal-azzjonisti, ecc… tas-sussidjarja taghha Assarel Medet illi huwa l-uniku ass illi ghandha VACI ;*

*Illi dan kollu qieghed mhux biss johloq pregudizzju car u manifest lir-rikorrenti bhala l-membri ta` VACI ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 izda qieghed ukoll johloq pregudizzju – u potenzjalment – danni enormi lill-istess VACI li tinstab fl-impossibilita` li tiddefendi l-interessi taghha ghaliex id-dispozizzjonijiet tal-istatut taghha stess u l-organi taghha stess qed jigu abbuzati bir-rizultat illi d-decizjonijiet reali fuq l-uniku ass taghha, li tieghu terga` hija l-azzjonista maggoritarja (!), qed jithallew f`idejn terzi meta certament VACI ghandha kull interess illi mhux biss tippartecipa izda bi dritt tiddetta l-agenda ta` kif titmexxa l-istess Assarel Medet ;*

*Illi din is-sitwazzjoni issa pprecipitat b`mod urgenti f`dawn l-ahhar jiem meta sabiex ikomplu jkissru u jinnewtralizzaw il-pozizzjoni ta` VACI u ndirettament tar-rikorrenti, l-intimati B Shareholders sabu mezz sabiex :*

*(a) giet imsejha laqgha tal-azzjonisti ta` Assarel Medet ghas-16 ta` Novembru 2016 mill-Management Board fl-4 ta` Ottubru 2016 (minuti annessi u mmarkati bhala '**Dokument NHL5**') u li giet approvata mis-Supervisory Board fil-5 ta` Ottubru 2016 (minuti annessi u mmarkati bhala '**Dokument NHL6**') li skont l-agenda tal-laqgha cirkolata ser jigu diskussi emendi ghall-istatut ta` VACI liema emendi sejrin jaghtu d-daqqa finali lill-interessi ta` VACI b`mod dirett u tal-A Shareholders fi hdan VACI ghaliex jikkonsistu f`emendi strategici li jdghajfu l-pozizzjoni ta` VACI bhala l-azzjonista maggoritarja fi hdan Assarel Medet, u dan anke b`danni ekonomici diretti u ndiretti, u fl-istess waqt isahhu l-pozizzjoni ta` Lachezar Tsotsorkov u l-pagi tieghu (anness u mmarkat bhala '**Dokument NHL7**') ;*

*(b) aghar minn hekk, u b`koincidenza suspettuza ghall-ahhar, gurnata biss wara li giet imsejha l-laqgha rrizenja mill-Bord ta` Diretturi ta` VACI d-direttur nominat mill-intimati B Shareholders, Stephen Muscat, fis-6 ta` Ottubru 2016, liema rizenja effettivament tipparalizza lill-Bord tad-*

*Diretturi ta` VACI (anness u mmarkat bhala '**Dokument NHL8**') [L-istess Stephen Muscat rriżenja wkoll fl-istess data mill-Bord ta` Diretturi ta` Orpheus u Oegrus li fihom kien l-uniku direttur (annessi u mmarkati bħala 'Dokument NHL9' u 'Dokument NHL10')] ;*

*(c) illi minhabba c-cirkustanzi kif zviluppaw u dejjem minghajr ebda dolo jew kolpa tal-A Shareholders esponenti, is-socjeta` VACI naturalment mhux ser tattendi ghal-laqgha tal-azzjonisti ta` Assarel Medet ghaliex ser terga tkun ostakolata milli tattendi u lanqas issa m`ghandha bord kostitwit b`diretturi miz-zewg nahat ;*

*(d) Illi huwa ghalhekk assolutament imperattiv li VACI (a) tattendi ghal-laqgha tas-16 ta` Novembru 2016 u (b) tivvota kontra l-emendi proposti u dan sabiex b`hekk tissalvagwardja l-pozizzjoni taghha u tipprotegi l-valur tal-investiment taghha fis-sussidjarja taghha Assarel Medet ;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u tal-pregudizzju serju li tali agir qed johloq fuq ir-rikorrenti Nickel, Osmium u Tungsten, ilkoll Ordinary A Shareholders tas-socjeta` VACI, kif ukoll lill-istess VACI, u prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportuna fic-cirkostanzi, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tordna ai termini tal-Artikolu 402(3)(c) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta lil VACI sabiex tattendi il-laqgha generali tal-azzjonisti tas-sussidjarja taghha Assarel Medet li sejra ssir fil-Bulgarija fis-16 ta` Novembru 2016 u jekk ikun il-kaz f`dati sussegwenti.*

*2. Tappunta ghal dan il-ghan lid-direttur taghha Karl Mallia (K.I. 84375M) jew mandatarju iehor tal-istess VACI sabiex fizikament jattendi tali laqgha ghan-nom u in rapprezentanza ta` VACI u tordnalu illi f`tali laqgha jipprotegi l-interessi ta` VACI u jivvota kontra l-emendi proposti tal-artikoli ta` assocazzjoni ta` Assarel Medet li jippregudikaw lill-VACI.*

*3. Tordna lill-kumpannija VACI ai termini tal-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tibda proceduri f`Malta u/jew fil-Bulgarija fil-konfront ta` l-intimati Orpheus, Oegrus, Lachezar Tsotsorkov, Radko Shumanov, Andrei Delchev, Dimitar Tsotsorkov, Delcho Nikolov u Stoil Troshanov u/jew kull membru futur tas-Supervisory Board u l-*

*Management Board ta` Assarel Medet, sabiex jigu ordnati jiddezistu mmedjatament milli jahdmu kontra l-interessi ta` VACI u sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti tul dan l-ahhar zmien minn VACI kagun tal-agir vessatorju taghhom li mar direttament kontra l-interessi ta` VACI u jekk ikun il-kaz taghti kull direzzjoni jew ordni ancillari u/jew sussidjarja.*

*4. Taghti kull ordni ohra illi jidhrilha opportuna fic-cirkostanzi nkluz ordnijiet ai termini tal-Artikolu 402(3)(a) li jirregolaw it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija VACI fil-futur minghajr ma tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija li ghad ghandha futur u ghandha investiment tajjeb hafna li jista` jigi mmexxi tajjeb fl-interessi ta` VACI u tal-azzjonisti taghha kollha jekk jiefqu l-abbuzi u l-agir vessatorju tal-intimati u ta` Lachezar Tsotsorkov.*

*Bl-ispejjez ta` din l-istanza u ta` kwalsiasi rimedju kawtelatorju f`Malta u/jew barra minn Malta kontra l-intimati in solidum bejniethom.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta ta` Orpheus Limited u VACI Holding Limited li kienet prezentata fit-3 ta` Novembru 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi ghal kull buon fini, l-esponenti jistqarru li qeghdin jaghmlu din ir-risposta fl-interess ukoll ta` VA Copper Invest Limited, li taghha huma azzjonisti, flimkien mas-socjetajiet rikorrenti.*

*2. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti, u dana ghar-ragunijiet segwenti :-*

*3. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjetajiet rikorrenti, l-affarijiet ta` VACI [*Ghall-finijiet ta` din ir-risposta, l,-esponenti ser jinqdew bl-istess referenzi li wzaw is-socjetajiet rikorrenti fir-rikors promotur taghhom] ***ma tmexxewx, m`humiex jitmexxew u mhux ser jitmexxew*** *b`mod li, jew, l-ebda jew ommissjoni ta` VACI ma kienu jew huma jew x`aktarx ser ikunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghall-istess socjetajiet rikorrenti jew b`mod*

*li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali. Illi fi kliem iehor, ma japplikax assolutament dak dispost fl-artikolu 402 tal-Kap. 386 li fuqu s-socjetajiet rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom.*

*4. Illi ta` min jirrileva f`dan l-istadju illi lil hinn mill-hafna allegazzjonijiet (ohra) li jaghmlu s-socjetajiet rikorrenti fir-rikors promotur taghhom, huwa evidenti illi l-ilmenti taghhom (li dwarhom qeghdin jitolbu rimedju specifiku minghand dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap. 386) jirreferu ghall-laqgha tal-azzjonisti ta` Assarel Medet li ssejhet ghas-16 ta` Novembru, 2016, u li jidher li nebbhet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta r-rikors odjern malajr, b`terminu ta` risposta koncess lis-socjetajiet esponenti, ta` mhux iktar minn gimgha [ara l-ewwel u t-tieni talba].*

*5. Illi b`referenza ghall-imsemmija laqgha tal-azzjonisti msemmija hawn fuq, u b`mod specifiku l-emendi proposti fl-istatut ta` Assarel Medet (u mhux ta` VACI, kif jistqarru skorrettement is-socjetajiet rikorrenti fl-ahhar paragrafu immarkat (a) fil-pagna 4 tar-rikors promotur),* ***dawn l-emendi huwa kjarament u bla ebda dubju fl-interess ta` VACI bhala azzjonista maggoritarja f`Assarel Medet u ghalhekk tkun gennata li VACI tivvota kontra dawk l-emendi kif qeghdin jitolbu s-socjetajiet rikorrenti. Effettivament l-emendi proposti jsahhu l-posizzjoni ta` VACI f`Assarel Medet b`mod drastiku. Dan huwa evidenti hafna mid-dokumenti pprezentati fl-atti mis-socjetajiet rikorrenti, partikolarment l-artikoli ta` assocjazzjoni ta` Assarel Medet datati 3 ta` Lulju, 2014 (Dokument NHL4 anness mar-rikors promotur), kif ukoll l-emendi proposti ghall-istess artikoli ta` assocjazzjoni (Dokument NHL7.2, ukoll anness mar-rikors promotur).***

*6. Illi skont is-subartikolu (5) tal-Artikolu 16 ta` NHL4, "The General Assembly may hold sessions if the shareholders who are available are at least 80% (eighty percent) of subscribed capital. If there is no quorum, a new session shall be scheduled within not more 14 days and it shall be legitimate regardless of the capital represented at it."*

*7. Illi bl-emenda proposta, il-quorum ta` 80% qieghed jigi propost li jitbaxxa ghal 50% +1, li jfisser li filwaqt VACI li tiddetjeni 67.61% ta` Assarel Medet (Ara Dokument NHL2 annness mar-rikors promotur) illum, wahidha ma tikkostitwixxiex quorum, bl-emenda proposta fil-fatt tkun tikkostitwixxi quorum, u dan logikament u kjarament ikun fl-interess tal-istess VACI.*

*Ghalhekk, ghar-ragunijiet suesposti, is-socjetajiet esponenti qatt ma jistghu jaqblu ma` dak li qeghdin jitolbu s-socjetajiet rikorrenti.*

*8. Illi ta` min jirrileva ukoll, b`referenza ghall-memorandum u artikoli ta` assocazzjoni ta` VACI datati 20 ta` Gunju, 2014 (ukoll annessi mar-rikors promotur u mmarkati Dokument NHL1), li l-kontendenti jiddetjenu rispettivament hamsin fil-mija (50%) tal-ishma f`VACI, b`kull sehem ikollu vot wiehed u l-gestjoni ta` VACI hija f`idejn bord tad-diretturi komposta minn zewg diretturi "acting jointly", wiehed appuntat mis-socjetajiet rikorrenti bhala l-azzjonisti tal-azzjonijiet 'A' u l-iehor appuntat mis-socjetajiet esponenti bhala azzjonisti tal-azzjonijiet 'B' [*Ara l-artikolu 8.1 mill-memorandum]. *Inoltre, skont l-artikolu 8.3 tal-istess memorandum "The legal and judicial representation of the Company shall be vested in the 'A' Director and the 'B' Director acting jointly".* ***Dan ifisser li fuq dak li taghmel VACI bhala azzjonista ta` Assarel Medet, mhux biss is-socjetajiet rikorrenti ghandhom kontroll izda ghandhom kontroll assolut bi dritt ta` veto, anke b`referenza ghall-artikoli ta` VACI [***ara l-artikolu 16 ta` l-istess artikoli]. ***Fil-kuntest tar-rikors odjern, dan ifisser li l-ebda preguduzzju, diskriminazzjoni jew oppressjoni fit-termini tal-artikolu 402 ma tista` qatt tirrizulta.***

*9. Illi s-socjetajiet rikorrenti, wara li jaghmlu referenza ghas-Supervisory Board u l-Management Board ta` Assarel Medet li huma l-organi li jiehdu hsieb id-'day-to-day management' ta` Assarel Medet, kif jigri dejjem fi hdan kumpannija, jallegaw gratwitament u bla ebda ebda fundament illi s-sidien ahharin tal-azzjonisti tal-azzjonijiet 'B', tnejn mis-socjetajiet intimata "jmexxu l-operazzjoni fil-Bulgarija, jiehdu d-decizjonijiet ta` negozju u ta` investiment f`dik il-kumpannija sussidjarja u di piu` huma persuni ta` influwenza kbira fil-lokal kif ukoll ghandhom kontroll kwazi assolut kemm fuq il-persuni li jahdmu f`Assarel Medet kif ukoll fuq il-mod kif jigu implementati fi hdan l-istess decizjonijiet fi hdan l-istess kumpannija sussidjarja."*

*10. Illi din l-allegazzjoni m`ghandha l-ebda fondament ghaliex l-imsemmija persuni u cioe` Lachezar Tsotsorkov u Dimitar Tsotsorkov ma jpoggux wahidhom rispettivament fuq is-Supervisory Board u fuq il-Management Board. M`ghandhiex fundament ghaliex id-decizjonijiet ahharin u l-iktar importanti tohodhom Assarel Medet stess fil-laqgha generali u dana kif jirrizulta mill-artikoli ta` assocazzjoni ta` Assarel Medet tat-3 ta` Lulju, 2014 (Dokument 'NHL4' anness mar-rikors promotur). Fl-ewwel lok, skont is-subartikolu 3) tal-artikolu 16, laqgha generali tissejjah mill-Management*

*Board jew mis-Supervisory Board fuq talba tal-azzjonisti li bejniethom ikollhom mill-inqas hamsa fil-mija (5%) tal-kapital tal-kumpannija fil-kors ta` tlett xhur. Iktar minn hekk, id-decizjonijiet l-iktar importanti tal-kumpannija, fosthom emendi ghall-istess artikoli ta` assocazzjoni u t-tnehhija ta` dawk li s-socjetajiet rikorrenti qeghdin jghidu ghandhom kontroll assolut tal-kumpannija, jittiehdu mill-'General Assembly'. (Ara s-subartikoli 1) u 3) tal-artikolu 16). Inoltre, is-subartikolu 3) tal-istess artikolu 16 jitlob li l-vot biex tittiehed decizjoni jkun ta` mhux inqas minn tmenin fil-mija (80%) tad-'declared capital' meta l-laqgha ssir fil-gurnata msemmija fl-avviz ta` dik il-laqgha, u skont is-subartikolu 4) tal-istess artikolu xejn inqas minn hamsa u disghin fil-mija meta l-laqgha ma ssirx fil-gurnata appuntata minhabba nuqqas ta` quorum (skont is-subartikolu 5) tal-artikolu 15).*

*11. Illi jidher li din hija s-sitwazzjoni li tajjeb u hazin nebbhet lis-socjetajiet rikorrenti (assumendo ghal mument li l-istess socjetajiet qeghdin jagixxu in buona fede). Kieku kellu japplika l-'falling quorum' u allura l-emendi proposti jkunu jehtiegu maggoranza ta` hamsa u disghin fil-mija (95%) tal-ishma prezenti, skont is-subartikolu 5) tal-artikolu 15 citat hawn fuq,* ***in kwantu l-ultimate beneficial owners rispettivi tas-socjetatijiet rikorrenti jiddetjenu bejniethom ftit iktar minn tmienja fil-mija (8%) tal-ismha f'Assarel Medet (kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. LT1) it-threshold ta` hamsa u disghin fil-mija (95%) qatt ma jkun jista` jintlahaq, anke jekk l-azzjonisti l-ohra kollha, inkluza VACI, jivvotaw bil-kontra ta` dak li jivvotaw ultimate beneficial owners rispettivi tas-socjetatijiet rikorrenti.***

*12. Illi jekk kif jghidu s-socjetajiet rikorrenti, Lachezar Tsotsorkov u ibnu Dimitar Tsotsorkov bejniethom jiddetjenu ftit inqas minn tmienja punt hamsa fil-mija (8.5%) tal-ismha f'Assarel Medet (Dok. LT2 hawn anness), dan is-sehem ma jtihom l-ebda kontroll fuq l-operat ta` dik il-kumpannija, anke jekk wiehed jiprospetta li l-ishma ta` VACI (li jirraprezentaw ftit inqas minn tmienja u sittin fil-mija (68%) tal-kapital ta` Assarel Medet jinqasmu bejn iz-zewg kategoriji ta` azzjonisti f'VACI, bir-rizultat li Lachezar Tsotsorkov u Dimitar Tsotsorkov bejniethom jibdew jiddetjenu f'Assarel Medet ftit iktar minn tnejn u erbghin fil-mija (42%) [68/2 + 8.5].* ***Dan is-sehem ta` tnejn u erbghin fil-mija (42%) lil Lachezar Tsotsorkov u Dimitar Tsotsorkov ma jaghtihom l-ebda awtorita` jew poter ikbar minn dak li ghandhom illum, anke jekk it-threshold tal-quorum jinzel ghal hamsin fil-mija (50%) + 1, kif qieghed jigi propost u li jidher li wassal lis-socjetajiet rikorrenti jaghmlu r-rikors odjern.***

*13. Kif diga` inghad hawn fuq, fil-fatt dan huwa dak li jilmentaw dwaru fit-tul specifikatament fl-ahhar paragrafu tal-pagna 3 is-socjetajiet rikorrenti u jikkonkludu li bil-mekkanizmu ta` 'falling quorum' "jiddeciedu kollox l-azzjonisti minoritarji hemm prezenti li hafna minnhom huma taht il-kontroll u/jew l-influwenza diretta u/jew indiretta ta` Lachezar Tsotsorkov;". Illi din hija allegazzjoni gratwita u ma taghmel l-ebda sens,* ***fuq kollox ghaliex l-ultimate beneficial owners bejniethom huma azzjonisti ta` tmienja fil-mija (8%) tal-ishma f`Assarel Medet****, kif ukoll, kif jista` persuna wahda tinfluwenza massa ta` azzjonisti minoritarji (li jlahhqu l-eluf) u li bejniethom, skont is-socjetajiet rikorrenti (meta tinkludi s-sehem ta` Lachezar Tsotsorkov stess jaghmlu ftit inqas minn tnejn u tletin punt hamsa fil-mija (32.5%) tal-ishma f`Assarel Medet! Din it-teorema da parti s-socjetajiet rikorrenti mhux biss m`hijiex plawzibbli izda lanqas taghmel sens meta tqies li l-istess socjetajiet rikorrenti, flimkien mal-azzjonisti tal-ismha 'B' f`VACI, bejniethom jikkontrollaw Assarel Medet u dak li qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tordna huwa li tnaqqar minn dan il-kontroll li ghandha VACI f`Assarel Medet u ghalhekk zgur m`huwiex fl-ahjar interess ta` VACI.*

*14. Illi s-socjetajiet rikorrenti jaghmlu allegazzjonijiet ohra (vagi) dwar l-operat fi hdan Assarel Medet u jghidu testwalment "<u>Illi tul is-snin,</u> imma partikolarment tul din l-ahhar sena, l-esponenti saru jafu bi u ghandhom ragunijiet validissimi li jissuspettaw li l-affarijiet fi hdan Assarel Medet ma kienux qed jimxu fl-ahjar interess kemm tal-kumpannija nfisha kif ukoll tal-azzjonisti taghha..." (sottolinjar tal-esponenti) Is-socjetajiet rikorrenti hawnhekk jaghmlu referenza ghall-ahhar snin li certament ghandha tinqara li qeghda tirreferi wkoll ghas-sena 2014. Fil-fatt sa Lulju tal-2014, Ludmil Lalov u Kostadin Yanev, l-ultimate beneficial owners rispettivament tas-socjetajiet rikorrenti Osmium Resources Holding Limited u ta` Nickel Industries Holding Limited, kienu jpoggu fuq il-bord tad-diretturi ta` Assarel Medet li dak iz-zmien kien kompost minn tlett diretturi, u ghalhekk l-istess Lalov u Yanev tista` tghid kellhom il-gestjoni ta` Assarel Medet.*

*15. Illi s-socjetajiet rikorrenti jallegaw ukoll illi "rrizultawlhom diversi istanzi ta` hela ta` flus u proprjeta` ta` Assarel, decizjonijiet hziena u self-serving min-naha ta` Lachezar Tsotsorkov u l-agenti tieghu li ma jaghmlu assolutament l-ebda sens fil-kuntest tal-ghanijiet socjetarji ta` Assarel Medet..." Din l-allegazzjoni fiergha hija skreditata ghal kollox mis-segwenti fatti, li jirrizultaw mill-'Annual Financial Report' u dokumenti ohra, li s-socjetajiet jistghu jipprezentaw, jew jaghmlu referenza ghalihom fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern :-*

*(1) Il-profitt net annwali ta` Assarel Medet ghas-sena 2015, kif jidher fl-'Annual Financial Report' kien ta` ftit inqas minn hamsin miljun ewro (EUR50,000,000) (kopja ta` dikjarazzjoni hawn annnessa u mmarkata LT3), u dana minkejja li tbaxxa l-prezz tar-ram fuq is-swieq internazzjonali, b`iktar minn 30%.*

*(2) Il-valur ta` kull sehem, determinat minn Raiffeisenbank International AG ghal nofs is-sena 2016, kien mitt darba iktar mill-par value (kopja ta` dikjarazzjoni hawn annnessa u mmarkata Dok. LT4).*

*(3) In-net cost tar-ram li tahdem biha Assarel Medet niezel b`20.3% u dan l-iffrankar kien dovut ghal "investment program of the company and the exercise of efficient control on the overall company processes." (kopja ta` dikjarazzjoni hawn annnessa u mmarkata Dok. LT5). Ironikament, dan in-tnaqqis sehh meta Ludmil Lalov u Kostadin Yanev, l-ultimate beneficial owners rispettivament tas-socjetajiet rikorrenti Osmium Resources Holding Limited u ta` Nickel Industries Holding Limited ma baqghux involuti fil-management ta` Assarel Medet. Jista` jigi ppruvat li l-investiment imsemmi (li sar f`ambjent finanzjarju difficli) kien ilahhaq ghal iktar minn hames mitt miljun Ewro (EUR500,000,000).*

*(4) Matul is-snin, Asarel Medet qassmet medja ta` tmienja u hamsin punt sitta u disghin fil-mija (58.96%) fis-sena mill-profitti li ggenerat. (kopja ta` dikjarazzjoni hawn annnessa u mmarkata Dok. LT6).*

*(5) It-total asset value ta` Assarel Medet zdiet bi tmienja u tletin fil-mija (38%) bejn l-2014 u l-2016.*

*(6) Il-liquidity ratio (meta tqies il-current assets mal-current liabilities) huwa ta` tlettax fil-mija (13%).*

*(7) Illi fil-fatt is-sitwazzjoni finanzjarja ta` Assarel Medet tjiebet sostanzjalment, abbazi tal-parametri kollha msemmija hawn fuq meta Lalov u Yanev tnehhew mil-laqgha generali fid-29 ta` Gunju 2014 kif imsemmi hawn fuq.*

*16. Illi fir-rikors taghhom, is-socjetajiet rikorrenti jaghmlu wkoll referenza ghad-dividends u jghidu testwalment "Illi f`dawn l-ahhar ftit xhur, sabiex jaqtghu qalb ir-rikorrenti odjerni, l-intimati waqqfu wkoll parzjalment id-distribuzzjoni tad-dividend lejn l-azzjonista maggoritarja VACI…". Qabel xejn ghandu jinghad illi minn Awissu, 2016 lil hawn tqassmu d-dividends* ***kollha li l-management board irrakomanda*** *li kellhom jitqassmu ghas-*

*sena 2015 u li l-laqgha generali approvat. Illi fil-fatt, is-socjetajiet esponenti m`ghandhom l-ebda kontroll fuq id-dividends li jitqassmu.*

*17. Dawn id-dividends iddikjarati (u li fil-fatt thallsu) kienu jirraprezentaw 50% tal-profitti tal-kumpannija. Ir-rimanenti 50% inzammew bhala riserva. Effettivament, biz-zewg pagamenti f`dividends li thallsu lil VACI, is-socjetajiet rikorrenti bejniethom ircevew mhux inqas minn erbatax il-miljun ewro (EUR14,000,000) (Ara Dok. LT7 u LT8 hawn annessi). Il-kumment tas-socjetajiet rikorrenti ta` qtiegh il-qalb li jsemmu f`dan il-kuntest huwa barra minn loku!*

*18. Illi fil-fatt din is-sena Assarel Medet hallset dividends id-doppju ta` dak li originarjament il-Management Board kien irrakomanda. Il-Management Board kien irrakomada ghall-approvazzjoni tal-laqgha generali (li kienet issejjhet ghad-29 ta` Gunju, 2016) dividend ta` hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) u fuq intervent ta` Lachezar Tsotsorkov stess dik il-laqgha generali kienet approvat dividend ta` hamsin fil-mija (50%) (Ara Dok. LT9 hawn anness). Dan l-intervent da parti Lachezar Tsotsorkov kien sehh sabiex jinghata effett lill-ftehim datat 27 ta` Gunju, 2016 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. LT10) li kien sar bejn il-kontendenti. Ghandu jinghad ukoll illi minkejja dan il-ftehim, li kien mahsub ukoll biex jirregola kif kellha ssir il-votazzjoni fil-laqghat generali ta` Asarel Medet u materji ohra, is-socjetajiet rikorrenti bl-ikbar mala fede ghamlu l-procedura odjerna.*

*19. Illi lanqas huwa minnu dak li jallegaw is-socjetajiet rikorrenti illi l-intimati "qeghdin konsistentement jintralcaw u jibblukkaw lil VACI milli tkun tista` tapppunta rapprezentant sabiex jidher ghan-nom ta` VACI bhala l-azzjonista principali fil-laqghat tal-azzjonisti tas-sussidjarja Assarel Medet.*

*20. Illi ghall-kuntrarju, is-socjetajiet rikorrenti (u l-ultimate beneficial owners bhala azzjonisti in their own right) dejjem kienu nfurmati dwar kull kwistjoni li huma kellhom dritt li jkunu jafu u li l-Management Board kien obbligat li jinfurmahom dwarha, inkluz l-avvizi tal-laqghat generali ta` Assarel Medet, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern.*

*21. Illi ghandu jinghad ukoll illi l-ultimate beneficial owners tas-socjetajiet rikorrenti huma wkoll azzjonisti f`Assarel Medet. Fil-kapacita`*

*taghhom personali huma jawtorizzaw il-proxies rispettivi taghhom li jircievu kull informazzjoni mehtiega dwar l-operat ta` Assarel Medet, u fuq kollox jattendu ghall-laqghat generali, kif dejjem gara.*

*22. Illi ghandu jinghad ukoll illi l-imsemmi Lachezar Tsotsorkov, flimkien mal-beneficial owners tas-socjetajiet rikorrenti, kien ta prokura lil Ludmil Lalov, wiehed stess minn dawk il-beneficial owners relattivament ghal ftuh ta` kontijiet bankarji (Dok. LT11), li turi li s-sitwazzjoni kif inhi jew kif kienet hija altru milli dak li qeghdin jallegaw is-socjetajiet rikorrenti fir-rikors promotur taghhom.*

*23. Illi dwar ir-rizenja tad-direttur li kien gie appuntat miz-zewg socjetajiet intimati li huma l-azzjonisti tal-ishma 'B' f`VACI, kif inhu risaput, direttur ta` kumpannija jista` jirrizenja meta jidhirlu li ghandu jirrizenja u dana huwa dak li gara fil-fattispecji. Is-socjetatijiet esponenti mill-ewwel hadu passi sabiex jigi appuntat direttur iehor u fil-fatt lahqu ftehim f`dan is-sens u fil-granet li gejjin din il-hatra ser tigi formalizzata. Ta` min jghid li l-hatra gdida mistennija li ssehh imminentement.*

*24. Illi f`dan il-kuntest, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tqies li VACI tista` tkun rapprezentata fil-laqgha generali tal-azzjonisti ta` Assarel Medet fis-16 ta` Novembru, 2016 jew f`data sussegwenti, ladarba tigi formalizzata l-hatra tad-direttur appuntat mis-socjetajiet esponenti u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa` l-ewwel talba rikorrenti, fl-umli fehma tas-socjetajiet esponenti it-tieni talba ma tistax tintlaqa ghar-ragunijiet msemmija hawn fuq; fi ftit kliem, li kieku kellha tintlaqa` it-tieni talba zgur ma jkunx fl-interess ta` VACI.*

*25. Illi t-tieni talba, kif dedotta, lanqas tista` tintlaqa` ghaliex l-idea li direttur li jkun gie nominat minn klassi ta` ishma jivvota kontra x-xewqa espressa ta` klassi ohra ta` ishma hija ghal kollox improponibbli.*

*26. Illi dwar it-tielet talba, jirrizulta ampjament, anke minn dak li gie sottomess fil-prezenti risposta (kif sorrett mid-dokumenti annessi) illi m`hemmx lok li dina l-Onorabbli Qorti tordna lil VACI milli tiehu xi forma ta` azzjoni gudizzjarja fil-konfront tal-persuni msemmija fl-istess talba, kif qeghdin jitolbu s-socjetajiet rikorrenti, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

*27. Illi dwar ir-raba` talba, fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi s-socjetajiet rikorrenti ex admissis qeghdin jiddikjaraw li l-investiment li ghandha VACI f`Assarel Medet huwa "investiment tajjeb hafna", dikjarazzjoni li m`hijiex rikonciljabbli ma` dak li jallegaw tul ir-rikors promotur taghhom, dwar tmexxija hazina ta` Assarel Medet. Fit-tieni lok, l-abbuz u l-agir vessatorju qeghdin jaghmluh is-socjetajiet rikorrenti kif inhu evidenti mit-tieni talba li biha qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti taghti ordni li jmur diametrikament kontra l-interessi ta` VACI, kif spjegat hawn fuq, u dana wara li kien sar ftehim dwar kif ghandha ssir il-votazzjoni f`Assarel Medet, fl-ahjar interess ta` VACI stess.*

*28. Fl-ahharnett ghandu jinghad illi jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa` t-talbiet rikorrenti, tinholoq sitwazzjoni ta` imposizzjoni ngusta fuq is-socjetajiet esponenti li ghandhom ezattament l-istess drittijiet (u obbligi) bhas-socjetajiet rikorrenti.*

*Ghar-ragunijiet suesposti, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar il-vertenza kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum ghal provvediment dwar it-talbiet kollha.

Rat id-digriet li tat fit-23 ta` Novembru 2016 fejn varjat id-digriet taghha tal-gurnata ta` qabel billi filwaqt li halliet il-kawza ghal-lum ghal provvediment dwar l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimati li jolqtu dawk iz-zewg talbiet, issospendiet il-prolazzjoni tal-provvediment dwar it-talbiet l-ohra u dwar l-eccezzjonijiet li jolqtu t-talbiet l-ohra.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Struttura socjetarja

Ic-centru tal-kwistjoni hija s-socjeta` VA Copper Invest Limited. Ir-rikorrenti jirreferu ghaliha bhala VACI. Il-Qorti se tibqa` tirreferi ghas-socjeta` bl-istess abbrevjazzjoni a skans ta` disgwid. VACI ghandha tinzamm distinta mis-socjeta` ntimata VACI Holding Limited li hija biss membru tas-socjeta` mertu tal-istanza.

Il-Qorti tirreferi ghall-memorandum u l-articles of association ("M&A") ta` VACI (Dok NHL1) in partikolari ghal-lista tal-membri a fol 13. Tirreferi ghat-tabella (Dok NHL2) a fol 36.

Il-membri ta` VACI huma strutturati kif gej :

Ordinary A Shares : 800

Ir-rikorrenti Osmium Resources Holding Limited ("Osmium") : 267
Ir-rikorrenti Nickel Industries Holding Limited ("Nickel") : 267
Ir-rikorrenti Tungsten Mining Holding Limited ("Tungsten") : 266

Ordinary B Shares : 800

L-intimata Orpheus Limited ("Orpheus") : 400
L-intimata VACI Holding Limited diga` Oeagrus Limited ("VHL") : 400

Il-bord tad-diretturi huwa kompost minn zewg diretturi : wiehed appuntat mill-membri bl-ishma A (Karl Mallia) ; u iehoe appuntat mill-membri bl-ishma B (Emanuel Debono qabel Stephen Muscat). Iz-zewg diretturi jridu jagixxu flimkien.

## III. Attiv

VACI ghandha attiv wiehed kostitwit minn 67.61% tal-ishma kollha tas-socjeta` Assarel-Medet JSC Bugaria li hija socjeta` registrata skont il-ligi tal-Bulgaria liema socjeta` tippossjedi licenzja rilaxxjata mill-awtoritajiet tal-Bulgarija biex tmexxi minjiera ghall-estrazzjoni ta` ramm (*copper*). Mhux biss din is-socjeta` tbiegh u tinnegozja l-materja prima li tigi estratta izda ghandha investimenti ohra fl-edukazzjoni (universita`), fis-sahha (sptar) u fit-turizmu (lukanda).

Il-bqija tal-ishma ta` Assarel-Medet u cioe` 32.39% huma maqsuma in kwantu ghal 8.3% mill-istess azzjonisti A ta` VACI, in kwantu ghal 8.3% mill-azzjonisti B ta` VACI u l-bqija u cioe` 15.79% jinsabu fil-pussess ta` terzi.

Assarel-Medet titmexxa minn :-

a) Supervision Board kompost minn mhux anqas minn tliet membri u mhux aktar minn seba` membri li huma eletti mill-azzjonisti ; u

b) Management Board kompost ukoll minn mhux anqas minn tliet membri u mhux aktar minn seba` membri li huma maghzula mis-Supervision Board.

## IV. <u>Seduta generali straordinarja ta` Assarel-Medet</u>

Kienet imsejha seduta generali straordinarja tal-azzjonisti tas-socjeta` Assarel-Medet ghas-16 ta` Novembru 2016.

L-avviz tas-sejha tal-laqgha u l-agenda huma dawk riportati fid-Dok NHL7.1 a fol 58.

Id-dokument jaqra hekk :-

*The Management Board and the Supervisory Board of "Asarel Medet" JSC, the town of Panagyurishte, pursuant to Art 223 of the Commerce Act will convene an Extraordinary General Meeting of Shareholders on 16 November 2016/Wednwesday/at 4.30 pm at the canteen of the Headquaters of "Asarel Medet" JSC in the town of Panagyurishte with the following agenda :*

*1. Amendments and supplements to the Articles of Association of the company. Draft resolution : The General Meeting approves the proposals for amendments and supplements to the Articles of Association of the Company ;*

*2. Miscellaneous.*

*All shareholders are invited to attend the meeting in person or through authorized representatives in accordance with Art 14 of the Articles of Association of the company and in connection with Art 223, para 4, item 4 of the Companies Act. The registration of shareholders or their authorized representatives starts at 3.30 p.m. The materials for the meeting and thje relevant draft resolution are available to shareholders free of c harge at the office of the company.*

*If there is no quorum pursuant to art 227 of the Commerce Act, the meeting will be held on December 1, 2016 (Thursday) with the same agenda at the same place at 4.30 pm.*

## V. L-emendi proposti ghall-istatut ta` Assarel-Medet

Fl-agenda tal-laqgha qed jigu proposti :-

a) emendi ghall-Art 7 tal-istatut ;
b) iz-zieda ta` paragrafu (4) fl-Art 8 tal-istatut ;
c) emenda ghall-paragrafu (5) tal-art 15 tal-istatut ; u
d) emenda ghall-Art 16(3) u (4) tal-istatut.

## VI. L-ilment tar-rikorrenti

Jidher li r-rikorrenti huma kontra li jghaddu l-emendi (c) u (d). U qeghdin jinsistu li VACI tkun debitament rapprezentata fil-laqgha generali sabiex tivvota kontra l-emendi kif proposti ghall-istatut. Ressqet prova dwar il-ligi Bulgara (*proof of foreign law)* li tghid li r-rizoluzzjoni trid tkun approvata jew respinta *in toto* fis-sens illi approvazzjoni jew respingiment ta` parti mill-emendi mhux possibbli billi r-rizoluzzjoni hija wahda u komprensiva tal-emendi kollha.

## VII. <u>It-talbiet mertu tal-provvediment tal-lum</u>

Wara li jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li jissussisti ksur tal-Art 402(1) tal-Kap 386, ir-rikorrenti jressqu erbgha (4) talbiet skont l-Art 402(3) tal-Kap 386.

Il-provvediment tal-lum jirrelata ghall-ewwel u ghat-tieni talbiet :-

*1. Tordna ai termini tal-Artikolu 402(3)(c) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta lil VACI sabiex tattendi il-laqgha generali tal-azzjonisti tas-sussidjarja taghha Assarel Medet li sejra ssir fil-Bulgarija fis-16 ta` Novembru 2016 u jekk ikun il-kaz f`dati sussegwenti.*

*2. Tappunta ghal dan il-ghan lid-direttur taghha Karl Mallia (K.I. 84375M) jew mandatarju iehor tal-istess VACI sabiex fizikament jattendi tali laqgha ghan-nom u in rapprezentanza ta` VACI u tordnalu illi f`tali laqgha jipprotegi l-interessi ta` VACI u jivvota kontra l-emendi proposti tal-artikoli ta` assocazzjoni ta` Assarel Medet li jippregudikaw lill-VACI.*

## VIII. <u>L-Art 402(1) tal-Kap 386</u>

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Kull membru ta` kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni talkumpanija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

## IX. <u>Ir-rabta mal-Art 402(3) tal-Kap 386</u>

Qorti hija prekluza milli taghti rimedji skont l-Art 402(3) jekk ma ssir il-prova tar-rekwiziti tal-Art 402(1).

Ghalkemm id-dicitura tal-Art 402(1) ittiehdet testwalment mid-disposizzjoni simili li tirrizulta fil-Companies Act ta` New Zealand, il-ligi ta` New Zealand segwiet l-izvilupp legislattiv fir-Renju Unit. Kien hemm l-ewwel il-Companies Act 1985 (Sec 459) li fi zminijiet aktar ricenti kienet segwita mill-Companies Act 2006 [Sec 994(1)]. Fil-fatt Sec 459 thassar ghal kollox mill-Companies Act 1985 u dahal ezatt kif kien fl-Art 994(1) tal-Companies Act 2006.

**L-awtrici <u>Brenda Hannigan</u> fil-ktieb Company Law (Fourth Edition – 2016 – OUP – pg. 485) tghid :-**

*Where the court is satisfied that a petition under s. 994 is well founded, it may make such order as it thinks fit for giving relief in respect of matters complained of [s 996(2)]*

## X. <u>Il-prova</u>

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (diversament presjeduta) [**<u>'PA/GV</u>**] fit-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**<u>Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et</u>**" inghad *illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni.*

## XI. <u>In-natura tal-ilment</u>

Fis-sentenza "**<u>Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et</u>**" (op. cit.) ikompli jinghad hekk :-

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta' x'inhu oppressiv b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b'kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista' tintervjeni f'dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta' pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) **<u>[AE]</u>** fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**<u>Ellis vs Ellis</u>**" inghad hekk –

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f'kaz ta' att jew ommissjoni izolata ;*

*(b) Ir-rimedju jista' jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

**XII. Il-pregudizzju**

**L-awtrici Brenda Hannigan fil-ktieb Company Law (Fourth Edition – 2016 – OUP – pg. 492) tghid :-**

***Whether the company`s affairs are being or have been conducted in a manner which is unfairly prejudicial to the petitioner`s interest is an objective, not a subjective, matter. The prejudice must be real, rather than merely technical or trivial, and the petitioner does not have to show that the persons controlling the company have acted deliberately in bad faith or with a conscious intent to treat him unfairly.*** *The conduct complained of must be prejudicial in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest of the member (usually, but not limited to financial damage) and also unfairly so (usually connoting some breach of company law or the constitution but not limited to that) and it is not sufficient if the conduct satisfies only one of these tests.* [enfasi u sottolinear ta` din il-qorti].

**L-awtrici Brenda Hannigan fil-ktieb Company Law (Fourth Edition – 2016 – OUP – pg. 506)** tghid :-

*Mere deadlock between the parties who have lost trust and confidence in one another is insufficient then to merit relief under CA 2006, s 994,* ***in the absence of prejudicial conduct****.* [enfasi u sottolinear ta` din il-qorti].

**L-awturi ta` Boyle & Birds` Company Law (Eighth Edition – 2011 – Jordans – pg. 711)** ighidu :-

*The term "unfair prejudice" whether analysed as a 'standard' or a 'concept' is a arelatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the*

*complaining shareholder, even if the respondents can claim to have acted in the best of good faith.*

**L-awtur Paul L. Davies u l-kollaboraturi tieghu fil-ktieb Gower and Davies – Principles of Modern Company Law ( Eighth Edition – 2008 – Sweet & Maxwell – pg. 691-692)** ighid :-

*… the courts recognised that sec 994 protects expectations and not just rights. Borrowing from public law, it is sometimes said that the section protects the "legitimate expectations" of the petitioner, though more recently the courts have preferred the private law phrase "equitable considerations"* [Qorti tal-Appell Ingliza fil-kawza "Saul D Harrison & Sons plc" – 1995 – ghall-uzu tal-frazi "legitimate expectations" ; House of Lords – "O`Neill vs Phillips" – 1999 – ghall-uzu tal-frazi "equitable considerations"] *Whatever the language used, the difficult issue is to distinguish those expectations of the petitioner which are to be classified as "legitimate" or which considerations are to fall within the category of "equitable considerations" and so as deserving of legal recognition and protexction from those expectations which the petitioner may harbour as a matter of fact but which the courts will not protect.*

**L-awturi Mayson, French & Ryan fil-ktieb Company Law (26th Edition – 2009/2010 – OUP – pg. 569-570)** ighidu b`riferenza ghal *Re Saul D Harrison and Sons plc* (op. cit.) illi :-

*The words 'unfairly prejudicial' are general words and they should be applied flexibly to meet the circumstances of the particular case … The conduct [being complained of] must be both prejudicial [in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest) and also unfairly so ; conduct may be unfair without being prejudicvial or prejudicial without being unfair, and it is not sufficient if the conducts satisfies only one of these tests.*

Ikomplu billi jaghmlu riferenza ghal "*O`Neill vs Phillips*" (op. cit.) in partikolari dwar l-ghazla li ghamel il-Parlament Ingliz –

*Parlament has chosen fairness as the criterion by which the court must decide whether it has jurisdiction to grant relief … it chose this concept to free the court from technical considerations of legal right and to confer a wide power to do what appeared just and equitable. But this does not mean that the court can do whatever the individual judge happens to think fair. The conc ept of fairness must be applied judicially and the content which it is*

*given by the courts must be based upon rational principles. Although fairness is anotion which can be applied to all kinds of activities its content will depend upon the context in which it is being used.*

Daqstant ghad-dottrina u l-gurisprudenza Ingliza.

Riferibbilment ghal-ligi taghna, tajjeb jinghad illi l-Art 402(1) huwa ispirat minn principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici ; kif del resto huma d-disposizzjonijiet tal-ligi tar-Renju Unit (ara – Qorti tal-Appell - 9 ta` Marzu 2007 - "**Vella et vs Vella Brothers Ltd et**")

Fl-istess decizjoni kompla jinghad hekk :-

*Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta' partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista' jsofri, pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Vincent Monreal et vs Lino Delia noe**" inghad hekk :-

*Dawn il-provedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta' dan kollu jista' jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista' tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-*

*provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Il-gurisprudenza aktar ricenti tal-qrati taghna kompliet tissawwar fuq dawn il-principji.

## XIII. <u>Konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel u t-tieni talbiet</u>

**Fil-paragrafu li jipprecedi t-talbiet, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tiddikjara li l-imgieba tal-intimati twassal ghal ksur tal-Art 402(1).**

**U ghax jidhrilhom li l-qorti ghandha ssib vjolazzjoni tal-Art 402(1), ir-rikorrenti jressqu l-ewwel talba fejn, wara li jinvokaw l-Art 402(3)(c), jitolbu mill-qorti sabiex tordna li VACI sabiex tattendi l-laqgha generali tal-azzjonisti tas-sussidjarja taghha Assarel Medet li sejra ssir fil-Bulgarija fis-16 ta` Novembru 2016 u jekk ikun il-kaz f`dati sussegwenti.**

Din il-Qorti ssibha difficli tirrespingi l-ewwel talba. Ladarba rrizulta illi VACI tippossjedi 67.61% tal-ishma ta` Assarel-Medet, ma jaghmel l-ebda sens li, ghax hemm disgwid bejn l-azzjonisti ta` VACI, iz-zewg diretturi li jikkostitwixxu l-bord tad-diretturi ta` VACI, u li flimkien ghandhom ir-rapprezentanza ta` VACI, ma jiehdux sehem fil-laqgha generali tal-uniku attiv illi VACI ghandha u cioe` ta` Assarel-Medet.

Hi x`hini n-natura ta` l-laqgha generali u l-iskop ghalfejn issejhet, jibqa` l-fatt li l-assenza ta` VACI, bhala azzjonista ta` maggoranza ta` Assarel-Medet, ghal-laqgha generali ta` l-azzjonisti ta` din tal-ahhar jikkostitwixxi ksur tal-Art 402(1) tal-Kap 386 ghaliex fl-ewwel lok dak mhuwiex mod kif ghandhom jitmexxew l-affarijiet ta` VACI, u fit-tieni lok ghaliex dik l-assenza tkun att ta` pregudizzju mhux gust ghall-interess tal-azzjonisti ta` VACI – ta` kollha jew ta` whud.

Tajjeb jigi rilevat illi r-rikorrenti minn naha wahda u l-intimati (hlief ghal VACI) ghandhom 50% kull naha ta` VACI. Dan ifisser illi jrid jkun hemm qbil biex tittiehed azzjoni miz-zewg diretturi. Propju ghalhekk meta

rinfaccjata b`azzjoni skont l-Art 402(1), hekk kif impostata mir-rikorrenti, bhala l-propjetarji flimkien ta` 50% tal-ishma ta` VACI, il-Qorti ssib li hemm pregudizzju mhux gust ghall-interess ta` r-rikorrenti.

Kontra r-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti fir-rikors promotur, u korraborati dawk ir-ragunijiet mill-evidenza ta` persuni li xehdu matul dan il-procediment, l-azzjonisti intimati ta` VACI ma gabux ragunijiet fondati ghala VACI kellha tkun assenti mil-laqgha generali ta` Assarel-Medet.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-laqgha generali ta` Assarel-Medet bl-agenda a fol 62 u 63 tal-process issejhet ghat-13 ta` Novembru 2016. Fil-pendenza ta` din il-kawza, VACI kienet assenti ghal dik il-laqgha. Ghalhekk ma kienx hemm quorum sabiex dik il-laqgha ssir skont l-istatut ta` Assarel-Medet. Ghalhekk skont l-istess statut, il-laqgha kienet aggornata ghall-1 ta` Dicembru 2016 fejn il-quorum biex issir il-laqgha u jittiehed vot fuq ir-rizoluzzjoni proposta ma hemmx ghalfejn jikkomprendi l-partecipazzjoni ta` VACI.

Fil-kors tat-trattazzjoni ta` l-kawza, l-azzjonisti ntimati ta` VACI ghamlu l-argument illi komprizi fl-ishma ta` 32.39% ta` Assarel-Medet, hemm ishma li r-rikorrenti stess jippossjedu f`Assarel-Medet, distintament minn VACI li huma tal-istess ghadd li ghandhom huma. Il-bqija huma fil-pussess ta` terzi. Ghalhekk fil-laqgha tal-1 ta` Dicembru 2016 l-interessi taghha se jkunu tutelati.

Dan l-argument mhuwiex kondiviz mill-Qorti.

Mhux daqstant ghar-raguni prospettata mir-rikorrenti li ghal xi raguni tkun xi tkun ir-rikorrenti jista` jsibu xkiel ta` xi natura biex jattendu bhala azzjonisti ta` Assarel-Medet. Izda propju ghaliex huwa omissjoni li jahseb ghaliha l-Art 402(1) li min huwa responsabbli ghat-tmexxija ta` kumpannija jaghzel li jassenti ruhu mhux darba (fejn l-assenza tieghu ggib semplici aggornament ta` seduta generali) izda darbtejn fejn l-assenza tista` tkun determinanti. L-Art 402(1) huwa wiesgha bizzejjed biex ikopri s-sitwazzjoni li qeghda tigi lamentata mir-rikorrenti fl-ewwel talba.

Mhuwiex traskurabbli l-fatt illi rizoluzzjoni partikolari bhal dik in ezami tkun dibattuta waqt laqgha generali. M`ghandux ikun accettat li l-

azzjonista ta` maggoranza tal-uniku attiv li ghandha thalli kull decizjoni li tolqot is-socjeta` fl-idejn ta` min jippossjedi minoranza sostanzjali tal-ishma.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-ewwel talba kif dedotta.**

**Bit-tieni domanda, il-Qorti qeghda tintalab taghti ordni sabiex meta jittiehed vot, dan ikun kontra r-rizoluzzjoni a fol 62 u 63 kif proposta.**

Skont ir-rikorrenti, kemm kif rifless fil-premessi tar-rikors promotur, kif ukoll fil-provi li ttentaw igibu `l quddiem, vot kontra r-rizoluzzjoni kif proposta fiha emendi strategici li jdghajfu l-pozizzjoni ta` VACI bhala l-azzjonista maggoritarja ta` Assarel Medet.

Skont kif inghad mir-rikorrenti, kemm waqt il-gbir tal-provi, kif ukoll waqt it-trattazzjoni finali, l-emendi proposti specjalment dawk ghall-Art 16 Para 3 u 4 tal-istatut ta` Assarel-Medet, fil-verita` huma ntizi sabiex inaqqsu s-sahha ta` VACI fl-uniku attiv taghha, in prospettiva ta` xoljiment ta` VACI.

Jekk il-Qorti tqis il-posizzjoni li qeghdin jiehdu l-azzjonisti intimati ta` VACI jkollha t-tentazzjoni *prima facie* li tghid illi jkun ahjar li tkun baxxa l-maggoranza rikjesta biex ighaddu certa risoluzzjonijiet fis-socjeta` Assarel-Medet.

Fil-fehma ta` din il-Qorti pero` dik ghandha tibqa` biss tentazzjoni, u di piu` tentazzjoni *prima facie.*

Il-Qorti qieset punt wara l-iehor id-difiza li gabu l-azzjonisti ntimati ta` VACI.

Pero` wara li hasbet fit-tul tistqarr illi fl-ahjar interess ta` l-membri in generali ta` VACI minn naha wahda, u tar-rikorrenti bhala azzjonisti ta` VACI [ara l-Art 402(1)] VACI m`ghandhiex tivvota sabiex titlef il-maggoranza kwalifikata li ghandha fis-socjeta` Assarel-Medet.

Del resto jinsorgi l-kwesit ghaliex ghandha VACI tiehu pass ta` dik ix-xorta jekk kollox ghandu jimxi minn awl id-dinja ?

Il-Qorti qalbet l-atti kemm felhet izda ma sabet imkien xrara ta` prova li ggieghla tahseb li riduzzjoni fis-sahha ta` vot ta` VACI go Assarel-Medet jiffavorixxi lil VACI.

Il-Qorti mhijiex behsiebha tinsa illi ghalkemm azzjoni skont l-Art 402 hija promossa minn membru ta` kumpannija, li jallega li garrab pregudizzju kif ikkwalifikat fil-paragrafu (1) tad-disposizzjoni, il-parti centrali tad-disposizzjoni jibqa` dak ta` ilment dwar it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija – fil-kaz tal-lum : VACI.

Ir-rikorrenti jikkontendu li jekk il-hwejjeg taghha jibqghu jigi kondotti kif inhuma fil-prezent, VACI hija destinata ghal xoljiment minhabba *deadlock* jew *stalemate.*

Min-naha taghhom l-intimati jiskartaw xejra daqstant negattiva u jaddebitaw l-allegati nuqqasijiet ghal suspetti nfondati.

Il-Qorti tistqarr illi l-kontraposizzjoni taz-zewg nahat, ma ninsewx li ghandhom 50% kull parti tal-ishma ta` VACI, mhijiex felici. Daqstant iehor mhijiex felici l-harsa lejn il-futur anke jekk huwa ppruvat illi l-attiv tal-kumpannija kostititwit minn Assarel-Medet qed irendi l-miljuni ta` Ewro kemm direttament mill-isfruttament tal-minjiera tar-ramm kif ukoll indiretament bl-investiment go setturi ohra.

Ladarba b`azzjoni skont l-Art 402(1) il-Qorti ghandha tqis l-assjem ta` interessi anke dawk konfliggenti bil-mizien tal-ekwita`, il-Qorti sejra tmur favur l-akkoljiment tat-tieni talba wkoll ghaliex ma tridx ttirriduci lil VACI *into a game of chance.*

Tghid hekk ghaliex jekk tghaddi r-risoluzzjoni bil-maggoranza ridotta, din certament ikollha piz fil-futur fil-kaz li VACI tigi xjolta. Diversa ghal kollox ghal VACI tkun is-sitwazzjoni jekk l-assett statutorju ta` Assarel-Medet jibqa` nvarjat.

Din il-Qorti taghzel li toqghod fuq is-sitwazzjoni kif tipprevali sal-lum bis-sahha ta` Assarel-Medet tibqa` dik ta` VACI bil-maggoranza u bis-sahha li ghandha sal-lum.

**Tenut kont tal-posizzjoni li hadu l-azzjonisti intimati ta` VACI tramite dak li kien direttur u dak attwali, il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti sejra tipprovdi dwar l-ewwel u t-tieni talbiet, u dwar l-eccezzjonijiet li jolqtu dawn it-talbiet billi, filwaqt li qeghda tirrespingi l-eccezzjonijiet li gabu l-intimati kontra dawn it-talbiet, qeghda tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**